Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 972/2006**

tad-29 ta' Ġunju 2006

li jistabbilixxi regoli speċjali għal importazzjonijiet ta' ross basmati u sistema tranżitorja ta' kontroll biex ikun determinat l-oriġini tagħhom

(ĠU L 322M, 2.12.2008, p. 195)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1996/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006	L 322M	433	2.12.2008
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 272/2010 tat-30 ta' Marzu 2010	L 84	23	31.3.2010
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
►M4	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1333/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013	L 335	8	14.12.2013
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 706/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014	L 186	54	26.6.2014

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 972/2006

tad-29 ta' Ġunju 2006

li jistabbilixxi regoli speċjali għal importazzjonijiet ta' ross basmati u sistema tranżitorja ta' kontroll biex ikun determinat l-oriġini tagħhom

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 10(2) u 11b tiegħu,

Billi:

(1) Skond il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Indja skond l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fir-rigward tar-ross previsti fl-Iskeda CXL tal-KE annessa mal-GATT 1994 ([2]), approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/617/KE ([3]), id-dazju applikabbli għal importazzjonijiet ta' ross imfesdaq ta' ċerti varjetajiet ta' basmati huwa ffissat għal żero.

(2) Skond il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Pakistan skond l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fir-rigward ta' ross previst fl-Iskeda CXL tal-KE anness mal-GATT 1994 ([4]), approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/618/KE ([5]), id-dazju applikabbli għal importazzjonijiet ta' ross imfesdaq ta' ċerti varjetajiet ta' basmati li joriġinaw fil-Pakistan huwa ffissat għal żero.

(3) Skond l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2004/617/KE u l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2004/618/KE, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (KE) Nru 1549/2004 ([6]), li, sakemm kien emendat ir-Regolament (KE) Nru 1785/2003, idderoga minnu fir-rigward ta' l-arranġamenti għall-importazzjoni tar-ross u stabbilixxa regoli tranżitorji għal importazzjonijiet ta' ross basmati. Meta wieħed jikkunsidra li r-Regolament (KE) Nru 1785/2003 kien emendat għal din ir-raġuni, għal raġunijiet ta' ċarezza, ir-Regolament (KE) Nru 1549/2004 għandu jkun sostitwit b'regolament ġdid.

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 797/2006 (ĠU L 144, 31.5.2006, p. 1).
([2]) ĠU L 279, 28.8.2004, p. 19.
([3]) ĠU L 279, 28.8.2004, p. 17. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2005/476/KE (ĠU L 170, 1.7.2005, p. 67).
([4]) ĠU L 279, 28.8.2004, p. 25.
([5]) ĠU L 279, 28.8.2004, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2005/476/KE.
([6]) ĠU L 280, 31.8.2004, p. 13. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2152/2005 (ĠU L 342, 24.12.2005, p. 30.).

▼B

(4) Il-Ftehimiet approvati mid-Deċiżjonijiet 2004/617/KE u 2004/618/KE jipprovdu għall-introduzzjoni ta' sistema ta' kontroll Komunitarja bbażata fuq analiżi ta' DNA fuq il-fruntiera u arranġamenti tranżitorji għal importazzjonijiet ta' ross basmati fl-istennija tad-dħul fis-seħħ ta' dik is-sistema ta' kontroll. Minħabba li s-sistema ta' kontroll definittiva għadha ma ġietx introdotta, għandhom ikunu stabbiliti regoli tranżitorji speċjali.

(5) Sabiex ikun eliġibbli għal dazju żero fuq l-importazzjoni, ir-ross basmati għandu jkun jappartjeni għal varjetà speċifikata fil-Ftehimiet. Sabiex ikun aċċertat li ross basmati importat b'rata żero ta' dazju jissodisfa dawk il-karatteristiċi, għandu jkun kopert minn ċertifikat ta' awtentiċità mfassal mill-awtoritajiet kompetenti.

(6) Sabiex ma jkunx hemm frodi, għandhom jiġu pprovduti miżuri biex tkun ikkontrollata l-varjetà ta' ross basmati dikjarata. Għal dak l-iskop għandhom ikunu applikati d-dispożizzjonijiet dwar it-teħid ta' kampjuni stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ([1]).

(7) L-arranġamenti tranżitorji ta' l-importazzjoni għal ross basmati jipprovdu għal proċedura biex ikun ikkonsultat il-pajjiż ta' l-esportazzjoni fil-każ ta' disturb fis-suq u possibiliment biex tkun applikata r-rata sħiħa ta' dazju jekk ma tinstabx soluzzjoni sodisfaċenti meta jintemmuil-konsultazzjonijiet. Għandu jkun definit il-punt li fih is-suq jista' jkun ikkunsidrat qiegħed isofri minn disturb.

(8) Sabiex tkun żgurata ġestjoni amministrattiva tajba ta' l-importazzjonijiet ta' ross basmati, għandhom ikunu adottati regoli speċjali, kemm jekk addizzjonali u kemm jekk jidderogaw mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli ([2]) u mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003 li jistabbilixxi regoli speċjali u dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċereali u ross ([3]), fir-rigward tal-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet, tal-ħruġ ta' liċenzji u ta' l-użu tagħhom.

(9) Sabiex ma tkunx interrotta l-kontinwità ta' importazzjonijiet ta' ross basmati, għandu jkun stabbilit li ċertifikati ta' awtentiċità u liċenzji ta' l-importazzjoni maħruġa qabel l-1 ta' Lulju 2006 taħt ir-Regolament (KE) Nru 1549/2004 jibqgħu validi għall-perjodu intier tagħhom ta' validità u li tkun tapplika rata żero ta' dazju għal prodotti importati taħt dawk il-liċenzji.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 402/2006 (ĠU L 70, 9.3.2006, p. 35).
([2]) ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 410/2006 (ĠU L 71, 10.3.2006, p. 7.).
([3]) ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru xx/2006 (ĠU L xx, xx.6.2006, p. x.).

▼B

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

▼M5

Artikolu 1

Dan ir-Regolament għandu japplika għar-ross imfesdaq Basmati li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 20 17 u taħt il-kodiċi NM 1006 20 98, tal-varjetajiet li ġejjin:

— Basmati 217

— Basmati 370

— Basmati 386

— Kernel (Basmati)

— Pusa Basmati

— Ranbir Basmati

— Super Basmati

— Taraori Basmati (HBC-19)

— Type-3 (Dehradun)

Minkejja r-rati tad-dazju tal-importazzjoni ffissati fit-Tariffa Doganali Komuni, ir-ross imfesdaq tal-varjetajiet Basmati msemmija fl-ewwel paragrafu għandu jikkwalifika għal rata żero ta' dazju tal-importazzjoni skont il-kundizzjonijiet iffissati b'dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 2

1. Applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni għal ross basmati kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1785/2003 għandu jkun fihom id-dettalji li ġejjin:

a) fil-kaxxa 8, indikazzjoni tal-pajjiż ta' l-oriġini u l-kelma "iva" mmarkata b'salib;

b) fil-kaxxa 20, waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fl-Anness I.

2. Applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni għal ross basmati għandu jkollhom magħhom:

a) prova li l-applikant huwa persuna fiżika jew ġuridika li, għal mill-inqas tnax-il xahar, wettqet attività kummerċjali fis-settur tar-ross u li hija rreġistrata fl-Istat Membru fejn issir l-applikazzjoni;

b) ċertifikat ta' awtentiċità ta' prodott maħruġ minn korp kompetenti fil-pajjiż ta' l-esportazzjoni, kif elenkat fl-Anness II ma' hawnhekk.

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikat ta' awtentiċità għandu jkun imfassal fuq formola skond il-kampjun mogħti fl-Anness III tal-preżenti.

▼B

Il-formola għandha tkun ta' daqs bejn wieħed u ieħor ta' 210 × 297 millimetru. L-oriġinal għandu jkun imfassal fuq karta li turi kull tip ta' tbagħbis b'mezzi kemm mekkaniċi kif ukoll kimiċi.

Il-formoli għandhom ikunu stampati u kkompletati bl-Ingliż.

L-oriġinal u l-kopji tiegħu għandhom jew ikunu ttajpjati jew miktuba bl-idejn. Fil-każ ta' l-aħħar, għandhom jimtlew bil-linka u b'ittri kapitali.

Kull ċertifikat ta' awtenticità għandu jkollu numru tas-serje fil-kaxxa ta' fuq nett fuq in-naħa tal-lemin. Il-kopji għandu jkollhom l-istess numru ta' l-oriġinal.

It-test tal-formola fil-lingwi l-oħra tal-Komunità għandu jkun ippubblikat fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

2. Il-korp li joħroġ il-liċenzja ta' l-importazzjoni għandu jżomm l-oriġinal taċ-ċertifikat ta' awtenticità u jagħti kopja lill-applikant.

Iċ-ċertifikat ta' awtenticità għandu jkun validu għal 90 jum mid-data tal-ħruġ.

Għandu jkun validu biss jekk il-kaxxi jkunu mimlija kif suppost u jkun iffirmat.

Artikolu 4

1. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni għal ross basmati għandhom jikkontjenu d-dettalji li ġejjin:

(a) fil-kaxxa 8, indikazzjoni tal-pajjiż ta' l-oriġini u l-kelma "iva" mmarkata b'salib;

(b) fil-kaxxa 20, waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fl-Anness IV ma' hawnhekk.

Il-kopja taċ-ċertifikat ta' awtenticità msemmi fl-Artikolu 3(2) għandha tkun annessa mal-liċenzja ta' l-importazzjoni.

2. Minkejja l-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 1291/2000, drittijiet li jidderivaw minn liċenzji ta' l-importazzjoni għal ross basmati m'għandhomx ikunu trasferibbli.

3. Minkejja l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1342/2003, il-garanzija li tirrelata għal liċenzji ta' l-importazzjoni għal ross basmati għandha tkun ta' 70 EUR għal kull tunnellata metrika.

▼M4

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:

(a) sa mhux iktar tard minn jumejn ta' ħidma wara rifjut, dwar il-kwantitajiet li għalihom ġew rifjutati l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni ta' ross Basmati, b'indikazzjoni tad-data tar-rifjut u tar-raġunijiet, il-kodiċi NM, il-pajjiż tal-oriġini, il-korp tal-għoti u n-numru taċ-ċertifikat ta' awtenticità, kif ukoll l-isem u l-indirizz tad-detentur;

▼M4

(b) sa mhux iktar tard minn jumejn ta' ħidma wara l-għoti tagħhom, il-kwantitajiet li għalihom inħarġu l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni ta' ross Basmati, b'indikazzjoni tad-data, il-kodiċi NM, il-pajjiż tal-oriġini, il-korp tal-għoti u n-numru taċ-ċertifikat ta' awtentiċità, kif ukoll l-isem u l-indirizz tad-detentur;

(c) meta titħassar liċenzja, sa mhux iktar tard minn jumejn ta' ħidma minn meta titħassar, il-kwantitajiet li għalihom tħassru l-liċenzji, u l-ismijiet u l-indirizzi tad-detenturi tal-liċenzji mħassra;

(d) fl-aħħar jum ta' ħidma ta' kull xahar wara x-xahar meta tinħareġ għal ċirkolazzjoni libera, il-kwantitajiet li effettivament inħarġu għal ċirkolazzjoni libera, b'indikazzjoni tal-kodiċi NM, il-pajjiż tal-oriġini, il-korp tal-għoti u n-numru taċ-ċertifikat ta' awtentiċità.

In-notifiki għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 ([1]).

▼B

Artikolu 6

1. Fil-kuntest ta' kontrolli każwali jew kontrolli li jimmiraw operazzjonijiet li jinvolvu riskju ta' frodi, l-Istati Membri għandhom jieħdu kampjuni rappreżentattivi ta' ross basmati importat kif stabbilit fl-Artikolu 242 tar-Regolament (KE) Nru 2454/93. Il-kampjuni għandhom jintbagħtu lill-korp kompetenti fil-pajjiż ta' l-oriġini, kif elenkat fl-Anness V, għal test tal-varjetà bbażat fuq id-DNA.

L-Istati Membri jistgħu, ukoll, iwettqu testijiet tal-varjetà fuq l-istess kampjun f'laboratorju tal-Komunità.

2. Jekk ir-riżultati ta' wieħed mit-testijiet imsemmija fil-paragrafu 1 juru li l-prodott analizzat ma jikkorrispondix mal-varjetà indikata fuq iċ-ċertifikat ta' awtentiċità, għandu japplika d-dazju ta' l-importazzjoni fuq ross imfesdaq li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 20, previst fl-Artikolu 11a tar-Regolament (KE) Nru 1785/2003.

▼M2

Madankollu, il-preżenza ta' sa 5 % ta' ross bla ħliefa li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1006 20 17 jew il-kodiċi tan-NM 1006 20 98 li ma jikkorrispondix ma' kwalunkwe varjetà elenkata fl-Anness XVIII tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([2]) għandu jiġi aċċettat.

▼B

3. Jekk it-testijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jew informazzjoni oħra disponibbli għall-Kummissjoni jindikaw problema serja u twila fejn jidħlu l-proċeduri ta' kontroll applikati minn korp kompetenti fil-pajjiż ta' l-oriġini, il-Kummissjoni tista' tikkuntattja lill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż ikkonċernat. Jekk dawn il-kuntatti ma jirriżultawx f'soluzzjoni sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tapplika r-rata ta' dazju fuq l-importazzjoni għal ross imfesdaq li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 20, previst fl-Artikolu 11a tar-Regolament (KE) Nru 1785/2003 għall-importazzjonijiet ikkontrollati mill-korp konċernat, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 11b tar-Regolament imsemmi u fil-kondizzjonijiet stabbiliti hemmhekk.

([1]) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3.
([2]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

▼B

Artikolu 7

1. Is-suq tar-ross għandu jkun ikkunsidrat iddisturbat meta, *inter alia*, tkun osservata żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet ta' ross basmati għal kwart mis-sena meta pparagunat mal-kwart preċedenti u ma jkun hemm ebda spjegazzjoni sodisfaċenti.

2. Jekk jippersisti disturb fis-suq tar-ross u jekk il-konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-pajjiżi ta' l-esportazzjoni kkonċernati ma jirriżultawx f'soluzzjoni sodisfaċenti, id-dazju ta' l-importazzjoni fuq ir-ross imfesdaq li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 20, previst fl-Artikolu 11a tar-Regolament (KE) Nru 1785/2003, jista' jiġi applikat ukoll għal importazzjonijiet ta' ross basmati, permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 11b tar-Regolament imsemmi u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti hemmhekk.

Artikolu 8

Il-Kummissjoni għandha żżomm l-Annessi II u V aġġornati.

Artikolu 9

Ċertifikati ta' awtenticità u liċenzji ta' l-importazzjoni maħruġa qabel l-1 ta' Lulju 2006 skond ir-Regolament (KE) Nru 1549/2004 għandhom jibqgħu validi u prodotti importati taħt dawn il-liċenzji għandhom ikunu eliġibbli għad-dazju fuq l-importazzjoni previst fl-Artikolu 11a tar-Regolament (KE) Nru 1785/2003.

Artikolu 10

Ir-Regolament (KE) Nru 1549/2004 huwa b'dan imħassar.

Ir-referenzi kollha għall-Artikoli 2 sa 8 tar-Regolament (KE) Nru 1549/2004 u l-Annessi II sa VI tiegħu għandhom jinqraw bħala referenzi għall-Artikoli 2 sa 8 ta' dan ir-Regolament u l-Annessi I sa V tal-preżenti.

Ir-referenzi kolha għall-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 1549/2004 għandhom jinqraw bħala referenzi għall-Anness IIIa mar-Regolament (KE) Nru 1785/2003.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2006.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M1

ANNESS I

Annotazzjonijiet stipulati fil-punt b) ta' l-Artikolu 2 (1)

— *bil-Bulgaru*: Ориз Basmati с код по КН 1006 20 17 или 1006 20 98, внесен с нулева ставка на митото в съответствие с Регламент (ЕО) № 972/2006, придружен със сертификат за автентичност № … издаден от [*име на компетентния орган*]

— *bl-Ispanjol*: Arroz Basmati del código NC 1006 20 17 o 1006 20 98 importado con derecho cero en aplicación del Reglamento (CE) nº 972/2006, acompañado del certificado de autenticidad nº … expedido por [*nombre de la autoridad competente*]

— *biċ-Ċek*: rýže Basmati kódu KN 1006 20 17 nebo 1006 20 98, která se dováží za nulové clo na základě nařízení (ES) č. 972/2006, a ke které se připojí osvědčení o pravosti č. … vydané [*název příslušného subjektu*]

— *bid-Daniż*: Basmati-ris henhørende under KN-kode 1006 20 17 eller 1006 20 98 importeres med nultold i henhold til forordning (EF) nr. 972/2006, ledsaget af ægthedscertifikat nr. … udstedt af [*den kompetente myndigheds navn*]

— *bil-Ġermaniż*: Basmati-Reis des KN-Codes 1006 20 17 oder 1006 20 98, eingeführt zum Zollsatz Null gemäß der Verordnung (EG) Nr. 972/2006 und begleitet von einem Echtheitszeugnis Nr. …, ausgestellt durch [*Name der zuständigen Behörde*]

— *bl-Estonjan*: basmati riis CN-koodiga 1006 20 17 või 1006 20 98, mis on imporditud tollimaksu nullmääraga vastavalt määrusele (EÜ) nr 972/2006 ning millega on kaasas [*pädeva asutuse nimi*] välja antud autentsussertifikaat nr …

— *bil-Grieg*: Ρύζι μπασμάτι του κωδικού 1006 20 17 ή 1006 20 98 εισαγόμενο με μηδενικό δασμό κατ' εφαρμογή του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 972/2006, συνοδευόμενο με το πιστοποιητικό γνησιότητας αριθ. … που εκδόθηκε από [*ονομασία της αρμόδιας αρχής*]

— *bl-Ingliż*: basmati rice falling within code of CN 1006 20 17 or 1006 20 98 and imported at a zero rate of duty under Regulation (EC) No 972/2006, accompanied by authenticity certificate No … drawn up by [*name of the competent authority*]

— *bil-Franċiż*: Riz Basmati du code NC 1006 20 17 ou 1006 20 98 importé à droit nul en application du règlement (CE) nº 972/2006, accompagné du certificat d'authenticité nº … établi par [nom de l'autorité compétente]

▼M3

— *bil-Kroat*: basmati riža iz tarifne oznake KN 1006 20 17 ili 1006 20 98 i uvezena uz nultu stopu carine u skladu s Uredbom (EZ) br. 972/2006, praćena potvrdom o izvornosti broj … izdanom od strane [naziv nadležnog tijela]

▼M1

— *bit-Taljan*: Riso Basmati di cui al codice NC 1006 20 17 o 1006 20 98 importato a dazio zero ai sensi del regolamento (CE) n. 972/2006, corredato del certificato di autenticità n. … rilasciato da [*nome dell'autorità competente*]

— *bil-Latvjan*: Basmati rīsi ar KN kodu 1006 20 17 vai 1006 20 98, ko importē bez ievedmuitas nodokļa saskaņā ar Regulu (EK) Nr. 972/2006, kuriem pievienota autentiskuma apliecība Nr. …, ko izsniegusi [*kompetentās iestādes nosaukums*]

▼**M1**

— *bil-Litwan*: Basmati ryžiai klasifikuojami KN kodu 1006 20 17 arba 1006 20 98, įvežti pagal nulinį muito mokestį pagal Reglamentas (EB) Nr. 972/2006, prie kurio pridėtas autentiškumo sertifikatas Nr. …, išduotas [*kompetentingos institucijos pavadinimas*]

— *bl-Ungeriż*: az 1006 20 17 vagy az 1006 20 98 KN-kód alá sorolt, a/az 972/2006/EK rendelet alkalmazásában nulla vámtétel mellett behozott basmati rizs, a/az [*illetékes hatóság neve*] által kiállított, … számú eredetiségigazolással együtt

— *bl-Olandiż*: Basmati-rijst van GN-code 1006 20 17 of 1006 20 98, ingevoerd met nulrecht overeenkomstig Verordening (EG) nr. 972/2006, vergezeld van het echtheidscertificaat nr. …, opgesteld door [*naam van de bevoegde instantie*]

— *bil-Pollakk*: Ryż Basmati objęty kodem CN 1006 20 17 lub 1006 20 98, do którego przywiezienia zastosowano zerową stawkę celną zgodnie z rozporządzeniem (WE) nr 972/2006, z załączonym do niego certyfikatem autentyczności nr … sporządzonym przez [*nazwa właściwego organu*]

— *bil-Portugiż*: Arroz Basmati do código NC 1006 20 17 ou 1006 20 98 importado com direito nulo em aplicação do Regulamento (CE) n.º 972/2006, acompanhado do certificado de autenticidade n.º … estabelecido por [*nome da autoridade competente*]

— *bir-Rumen*: Orez Basmati având codul NC 1006 20 17 sau 1006 20 98 şi importat cu taxe vamale zero, în baza Regulamentului (CE) nr. 972/2006, însoţit de certificatul de autenticitate nr. …. eliberat de (numele autorităţii competente)

— *bis-Slovakk*: ryža Basmati s kódom KN 1006 20 17 alebo 1006 20 98 dovážaná s nulovou sadzbou cla v súlade s nariadením (ES) č. 972/2006, sprevádzaná osvedčením o pravosti č. … vystavenom [*názov príslušného orgánu*]

— *bis-Sloven*: Riž basmati s kodo KN 1006 20 17 ali 1006 20 98, uvožen po stopnji nič ob uporabi Uredbe (ES) št. 972/2006, s priloženim potrdilom o pristnosti št. …, ki ga je izdal [*naziv pristojnega organa*]

— *bil-Finlandiż*: Asetuksen (EY) N:o 972/2006 mukaisesti tullivapaasti tuotu CN-koodiin 1006 20 17 tai 1006 20 98 kuuluva Basmati-riisi, jonka mukana on ….:n [*toimivaltaisen viranomaisen nimi*] myöntämän aitoustodistuksen N:o …

— *bl-Iżvediż*: Basmatiris med KN-nummer 1006 20 17 eller 1006 20 98 som importeras tullfritt i enlighet med förordning (EG) nr 972/2006, åtföljt av äkthetsintyg nr … som utfärdats av [*den behöriga myndighetens namn*].

▼B

ANNESS II

Korpi awtorizzati biex joħorġu ċ-ċertifikati ta' awtenticità msemmija fl-Artikolu 2(2)(b)	
L-INDJA (1)	Export Inspection Council (Ministry of Commerce, Government of India) [Il-Kunsill għall-Ispezzjoni ta' l-Esportazzjoni (il-Ministeru tal-Kummerċ, il-Gvern ta' l-Indja)]
IL-PAKISTAN (2):	Trading Corporation of Pakistan (Pvt) Ltd

(1) Fir-rigward tal-varjetajiet Basmati 370, Basmati 386, Tip-3 (Dhradun), Taraori Basmati (HBC-19), Basmati 217, Ranbir Basmati, Pusa Basmati u Super Basmati.
(2) Fir-rigward tal-varjetajiet Kernel (Basmati), Basmati 370, Pusa Basmati u Super Basmati.

▼B

ANNESS III

Kampjun ta' ċertifikat ta' awtentiċità msemmi fl-Artikolu 3(1)

MODEL B

<table>
<tr><td>1. Exporter (Name and full address)</td><td rowspan="2">CERTIFICATE OF AUTHENTICITY B
BASMATI RICE
for export to the European Community
No (1) ORIGINAL
issued by (Name and full address of issuing body)</td></tr>
<tr><td>2. Consignee (Name and full address)</td></tr>
<tr><td></td><td>3. Country and place of cultivation</td></tr>
<tr><td></td><td>4. FOB value in US dollars</td></tr>
<tr><td></td><td>5. Number and date of invoice</td></tr>
<tr><td rowspan="2">6. Marks and numbers — Number and kind of packages — Description of goods (2)</td><td>7. Gross weight (kg)</td></tr>
<tr><td>8. Net weight (kg)</td></tr>
<tr><td colspan="2">9. DECLARATION BY EXPORTER
The undersigned declares that the information shown above is correct.
Place and date: Signature:</td></tr>
<tr><td colspan="2">10. CERTIFICATION BY THE ISSUING BODY
It is hereby certified that the rice described above is BASMATI RICE and that the information shown in this certificate is correct.
Place and date: Signature: Stamp:</td></tr>
<tr><td colspan="2">11. CERTIFICATION BY COMPETENT CUSTOMS OFFICE OF COUNTRY OF EXPORT
Customs formalities for export to the European Economic Community of the rice described above have been completed.
Type, number and date of export document: Name and country of customs office:
Signature: Stamp:</td></tr>
<tr><td colspan="2">12. FOR COMPETENT AUTHORITIES IN THE COMMUNITY</td></tr>
</table>

(1) The number of the certificate of authenticity shall be a number of a continuous series given by the country delivering the certificate.
(2) The operator shall specify
— for Marks and numbers: the reference and number of the batch
— for Number and kind of packages: the number and weight of packages
— for the description of goods: the information on the rice, the CN Code as well as the variety or varieties, which shall be on the list of Annex III bis of Regulation (EC) No 1785/2003. The description of goods should correspond to the information included in the invoice, the number and date of which is specified in Box 5.

N. B.: This certificate is issued in conformity with the national legislation.

▼M1

ANNESS IV

Annotazzjonijiet stipulati fil-punt b) ta' l-Artikolu 4 (1)

— *bil-Bulgaru*: Ориз Basmati с код по КН 1006 20 17 или 1006 20 98, внесен с нулева ставка на митото в съответствие с Регламент (ЕО) № 972/2006, придружен с копие от сертификат за автентичност № … издаден от [*име на компетентния орган*]

— *bl-Ispanjol*: Arroz Basmati del código NC 1006 20 17 o 1006 20 98 importado con derecho cero en aplicación del Reglamento (CE) nº 972/2006, acompañado de una copia del certificado de autenticidad nº … expedido por [*nombre de la autoridad competente*]

— *biċ-Ċek*: Rýže Basmati kódu KN 1006 20 17 nebo 1006 20 98, která se dováží za nulové clo na základě nařízení (ES) č. 972/2006, a ke které se připojí kopie osvědčení o pravosti č. … vydané [*název příslušného subjektu*]

— *bid-Daniż*: Basmati-ris henhørende under KN-kode 1006 20 17 eller 1006 20 98 importeres med nultold i henhold til forordning (EF) nr. 972/2006, ledsaget af en kopi af ægthedscertifikat nr. … udstedt af [*den kompetente myndigheds navn*]

— *bil-Ġermaniż*: Basmati-Reis des KN-Codes 1006 20 17 oder 1006 20 98, eingeführt zum Zollsatz Null gemäß der Verordnung (EG) Nr. 972/2006 und begleitet von einer Kopie des Echtheitszeugnisses Nr. …, ausgestellt durch [*Name der zuständigen Behörde*]

— *bl-Estonjan*: Basmati riis CN-koodiga 1006 20 17 või 1006 20 98, mis on imporditud tollimaksu nullmääraga vastavalt määrusele (EÜ) nr 972/2006 ning millega on kaasas [*pädeva asutuse nimi*] välja antud autentsussertifikaadi nr … koopia

— *bil-Grieg*: Ρύζι μπασμάτι του κωδικού 1006 20 17 ή 1006 20 98 εισαγόμενο με μηδενικό δασμό με εφαρμογή του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 972/2006, συνοδευόμενο με αντίγραφο του πιστοποιητικού γνησιότητας αριθ. … που εκδόθηκε από [*ονομασία της αρμόδιας αρχής*]

— *bl-Ingliż*: Basmati rice falling within code of CN 1006 20 17 or 1006 20 98 and imported at a zero rate of duty under Regulation (EC) No 972/2006, accompanied by a copy of authenticity certificate No … drawn up by [*name of the competent authority*]

— *bil-Franċiż*: Riz Basmati du code NC 1006 20 17 ou 1006 20 98 importé à droit nul en application du règlement (CE) nº 972/2006, accompagné d'une copie du certificat d'authenticité nº … établi par [nom de l'autorité compétente]

▼M3

— *bil-Kroat*: basmati riža iz tarifne oznake KN 1006 20 17 ili 1006 20 98 i uvezena uz nultu stopu carine u skladu s Uredbom (EZ) br. 972/2006, praćena potvrdom o izvornosti broj … izdanom od strane [naziv nadležnog tijela]

▼M1

— *bit-Taljan*: Riso Basmati di cui al codice NC 1006 20 17 o 1006 20 98 importato a dazio zero ai sensi del regolamento (CE) n. 972/2006, corredato di una copia del certificato di autenticità n. … rilasciato da [*nome dell'autorità competente*]

— *bil-Latvjan*: Basmati rīsi ar KN kodu 1006 20 17 vai 1006 20 98, ko importē bez ievedmuitas nodokļa saskaņā ar Regulu (EK) Nr. 972/2006, kuriem pievienota autentiskuma apliecības Nr. … kopija, ko izsniegusi [*kompetentās iestādes nosaukums*]

▼**M1**

— *bil-Litwan*: Basmati ryžiai klasifikuojami KN kodu 1006 20 17 arba 1006 20 98, įvežti pagal nulinį muito mokestį pagal Reglament (EB) Nr. 972/2006, prie kurio pridėta autentiškumo sertifikato Nr. …, išduoto [*kompetentingos institucijos pavadinimas*], kopija

— *bl-Ungeriż*: Az 1006 20 17 vagy az 1006 20 98 KN-kód alá sorolt, a 972/2006/EK rendelet alkalmazásában nulla vámtétel mellett behozott basmati rizs, a/az [*illetékes hatóság neve*] által kiállított, … számú eredetiségigazolás másolatával együtt

— *bl-Olandiż*: Basmati-rijst van GN-code 1006 20 17 of 1006 20 98, ingevoerd met nulrecht overeenkomstig Verordening (EG) nr. 972/2006, vergezeld van een kopie van het echtheidscertificaat nr. …, opgesteld door [*naam van de bevoegde instantie*]

— *bil-Pollakk*: Ryż Basmati objęty kodem CN 1006 20 17 lub 1006 20 98, do którego przywiezienia zastosowano zerową stawkę celną zgodnie z rozporządzeniem (WE) nr 972/2006, z załączoną do niego kopią certyfikatu autentyczności nr … sporządzonego przez [*nazwa właściwego organu*]

— *bil-Portugiż*: Arroz *Basmati* do código NC 1006 20 17 ou 1006 20 98 importado com direito nulo em aplicação do Regulamento (CE) n.º 972/2006, acompanhado de uma cópia do certificado de autenticidade n.º … estabelecido por [*nome da autoridade competente*]

— *bir-Rumen*: Orez Basmati având codul CN 1006 20 17 sau 1006 20 98 importat cu taxe vamale zero în baza Regulamentului (CE) nr. 972/2006, însoţit de certificatul de autenticitate nr. … eliberat de (numele autorităţii competente)

— *bis-Slovakk*: Ryža Basmati s kódom KN 1006 20 17 alebo 1006 20 98 dovážaná s nulovou sadzbou cla v súlade s nariadením (ES) č. 972/2006, sprevádzaná kópiou osvedčenia o pravosti č. … vystavenom [*názov príslušného orgánu*]

— *bis-Sloven*: Riž basmati s kodo KN 1006 20 17 ali 1006 20 98, uvožen po stopnji nič ob uporabi Uredbe (ES) št. 972/2006, s priloženo kopijo potrdila o pristnosti št. …, ki ga je izdal [*naziv pristojnega organa*]

— *bil-Finlandiż*: Asetuksen (EY) N:o 972/2006 mukaisesti tullivapaasti tuotu CN-koodiin 1006 20 17 tai 1006 20 98 kuuluva Basmati-riisi, jonka mukana on ….:n [*toimivaltaisen viranomaisen nimi*] myöntämän aitoustodistuksen N:o … jäljennös

— *bl-Iżvediż*: Basmatiris med KN-nummer 1006 20 17 eller 1006 20 98 som importeras tullfritt i enlighet med förordning (EG) nr 972/2006, åtföljt av en kopia av äkthetsintyg nr … som utfärdats av [*den behöriga myndighetens namn*].

▼B

ANNESS V

Korpi awtorizzati biex iwettqu t-testijiet tal-varjetà msemmija fl-Artikolu 6

L-INDJA:

Export Inspection Council
Department of Commerce
Ministry of Commerce and Industry
3rd Floor
NDYMCA Cultural Central Bulk
1 Jaisingh Road
New Delhi 110 001
India
Tel: (91-11) 374 81 88/89, 336 55 40
Faks: (91-11) 374 80 24
e-mail: eic@eicindia.org

IL-PAKISTAN:

Trading Corporation of Pakistan Limited
4th and 5th Floor,
Finance & Trade Centre,
Shahrah-e-Faisal,
Karachi 75530,
Pakistan
Tel: (92-21) 290 28 47
Faks: (92-21) 920 27 22 and 920 27 31